**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Kumpilazzjoni Nru. 390/2016**

**Illum, 17 ta' Awissu, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sergio Pisani)**

**-vs-**

**John Vella ta' 66 sena, iben George u Michelina xebba Caruana, imwieled Birkirkara, nhar id-9 ta' Marzu, 1950, residenti 4, Triq G. Grech Delicata, Blk A, Birkirkara, u detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-numru 270750M.**

**Rene Zammit ta' 47 sena, iben Nazzareno u Mary xebba Muscat, imwieled Pieta`, nhar id-29 ta' Settembru, 1968, residenti 37C, 'Casa Nostra', Triq il-Papa Alessandru VII, Balzan u detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-numru 418268M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija imputati John Vella u Rene Zammit li gew akkuzati kif gej:

1. Nhar 31 ta' Mejju, 2016, fl-Imsida, għall-habta tas-07:30 ta' filgħodu, ghamlu użu ta' vettura ta' marka Mitsubishi bin-numru tar-reġistrazzjoni BQZ 166 għal ġarr tal-passiġġieri meta ma kienitx liċenzjata mill-Awtorità biex iġorru passiġġieri b'kiri jew

kumpens, u mdaħħla fir-Reġistru dwar il-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri, bi ksur tar-regolament 27(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamlu użu min vettura tat-tip Mitsubishi bin-numru tar-reġistrazzjoni BQZ 166 għal ġarr ta' tfal tal-iskola u ma kellux mwaħħal fuq in-naħa ta' quddiem u ta' wara tal-vettura s-sinjal kif indikat fil-Ħdax-il Skeda, bi ksur tar- regolament 64(1) tal-Legislazjoni Sussidjarja 499.56, tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-konfront tal-imputat John Vella waħdu u ċioè talli:

1. f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, bejn il- 11 ta' Mejju, 2016, u l- 31 ta' Mejju, 2016, u x-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żmienijiet differenti li jiksru 'l istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda bħal persuna registrat fir-reġistru għall-protezzjoni tal-minuri li ma kienx eligibbli li jkollu impjieg jew organizza xi servizz ta' transport li jinvolvi l-edukazzjoni, l-kura, l-kustodja, l-ħarsien jew it-trobbija tal-minuri, u dan bi ksur ta' Artikolu 3(3) tal-Kapitlu 518, tal-Liġijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala xufier naqas li javża lill-Awtorità bil-miktub dwar kull dikjarazzjoni ta' ħtija li saret kontrih fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn meta saret dik id-dikjarazzjoni, u dan bi ksur tar-regolament 19(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, tal-Liġijiet ta' Malta;
3. kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ngħatat mill-Magistrat Dr A. Demicoli LL.D. nhar il-11 ta' Marzue 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
4. sar recidiv wara li ġie kkundanat għal reat b'diveri sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur tal-Artikoli 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront tal-imputat Rene Zammit waħdu u ċioè talli:

1. f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, bejn il-11 ta' Mejju, 2016, u l-31 ta' Mejju, 2016, u x-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru 'l istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda bħala persuna li jingaġġa, jħaddem jew impjega lil John Vella, persuna reġistrata fir-reġistru tal-protezzjoni tal-minuri ma' Silverstar Transport Ltd jew/u assenja pożizzjoni lil John Vella persuna reġistrata ma' Silverstar Transport Ltd li jipprovdi servizz ta' transport li jinvolvu l-edukazzjoni, l-kura, l-kustodja, l-ħarsien jew it-trobbija tal-minuri, u dan bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kapitlu 518 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala l-operatur ta' kumpanija li tipprovdi servizz ta' transport ta' passiġieri ma żammx *records* aġġornati u dettaljati marbuta mal-aspetti kollha tal-operazzjonijiet ta' ġarr ta' passiġġieri, inkluż, iżda mhux biss, *records* tar-riżervar kollu, id-dokumenti statutarji u l-kotba tal-*accounts* u ta' kuntratti ta' xogħol fiċ-ċentru fejn jopera, u dan bi ksur tar-regolament 12 tal-Kapitlu 499.56 tal-Liġijiet ta' Malta.
3. sar recidiv wara li ġie kkundanat għal reat b'diveri sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, fosthom dik ippreseduta mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D nhar it-12 t'April 2016 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li waqt l-udjenza tal-11 t'Awissu, 2016, mizmuma minn din il-Qorti l-prosekuzzjoni l-imputati rregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reati li jinsabu akkuzati bihom l-imputati.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ma tistax titratta mal-imputati bl-istess mod.

Qiset illi l-imputat Rene Zammit ilu sa mill 2005 frekwentement jivvjola Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri filwaqt li hu recidiv ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, bl-ahhar reat jirrisali ghal erba xhur ilu. Il-Qorti qiset li r-reat previst bl-artikolu 5(1) tal-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri, mwettaq mill-imputat Zammit seta' kellhu konsegwenzi ferm aghar u kien ghalhekk li gew mfassla pieni horox ghal min jikser id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu billi l-awtur ta' dan id-delitt ikun naqas mill-obbligi socjali tieghu li jittutela l-harsien ta' minuri.

Illi l-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-fatt li l-imputat John Vella anqas minn hames xhur ilu kien inghata sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghall-erba snin u minflok ra kif ghamel biex uza din l-opportunita` sabiex jirriforma ruhu, dlonk wera li ma tghallem xejn u ppersista jkompli jzewwaq il-fedina penali voluminuza tieghu.

Fl-ahhar nett il-Qorti qiset l-eta` tal-imputat Vella u kien unikament ghal din ir-raguni li gie deciz li piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja fic-cirkostanzi u ghalhekk mhux ser tapplika l-artikolu 28B(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi minkejja l-ammissjoni bikrija tal-imputati qeda fi dmir li timponi piena li ma tavvicinax il-minimu. Reati simili fejn tigi perikolata il-hajja u s-sigurta` ta' terzi izda sahansitra fejn minuri jistghu jigu esposti ghall-abbuz li jippregudika irreparabilment il-kumplament ta' hajjet l-istess minuri, kif ukoll tal-familji taghhom, ghandhom ikunu trattati bis-severita` li jixirqilhom.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti:
Wara li rat l-artikoli 17, 18, 28B(2)(b), 31, 49, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tar-regolamenti 19(2), 27(1) u 64(1) tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56), fuq ammissjoni ssib lill-imputat John Vella hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' tlett elef (3,000) Ewro liema multa ghandha tithallas fi zmien tliet snin mil-lum. Inoltre` qieghda testendi is-sentenza sospiza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Marzu, 2016[1] ta' sentejn prigunerija ghal erba snin ohra li jibdew jiddekorru mil-lum.

Il-Qorti regghet wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-artikolu 5(1) tal-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri, kif ukoll tar-regolamenti 12, 27(1), 64(1) tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56), fuq ammissjoni ssib lill-imputat Rene Zammit hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' hmistax il-elf (15,000) Ewro liema multa ghandha tithallas fi zmien tliet snin mil-lum.

Finalment tordna li ai termini tar-regolament 107(1) tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56), immedjatament qed jigu revokati kull licenzja u permess li l-hatja ghandhom ai termini tal-istess Regolamenti.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[1] Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D.